MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 139/2009

Kawza fil-lista: 18

**A B C**
**vs**
**D E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: illi l-partijiet izzewwgu [fil-11 ta' Dicembru 1993] u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t'itfal: F, G u H, minuri ta' 14, 11 u tmien snin rispettivament; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza mpossibbli minhabba sevizzi, ngurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u abbandun, kommess mill-konvenut, kif ukoll inkompatibilita' ta' karattru; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-

separazzjoni personali ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut; [2] tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tat-tfal minuri; [3] tiffissa retta alimentarja dovuta mill-konvenut, ghaliha u ghat-tlett ulied minuri; [4] tordna x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; [5] tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprjeta' parafernali taghha, jew jhallasha l-valur taghha; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati mill-attrici;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi rrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Dicembru 1993, meta allura l-attrici kellha 17-il sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li l-istess attrici kienet harget tqila mill-konvenut.

Illi l-inkwiet matrimonjali beda mill-bidunett taz-zwieg, u kien dovut ghall-fatt li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb bil-konsegwenza li kien jidhol id-dar fis-sakra bil-lejl, u okkazzjonalment kien jerfa' jdejh fuq l-attrici.  Meta l-partijiet kienu johorgu Paceville, il-konvenut kien joqghod jittanta lin-nisa quddiemha.  Sadanittant il-konvenut baqa' dizokkupat.

Illi rizultat ta'dan il-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali wara sena miz-zwieg;  izda wara tlett xhur mifurdin, huma rrikonciljaw wara li l-konvenut kien ipprometta lill-attrici li kien ser ibiddel hajtu.

Sfortunatnamet, mhux talli l-konvenut ma biddilx il-komportament tieghu fil-konfront ta' l-attrici, imma s-sitwazzjoni hzienet meta "qabad vizzju johrog filghaxija f' xi 10.00pm kwazi kuljum u jidhol id-dar fis-7.00am fis-sakra, jsabbat u jargumenta".

Illi fil-frattemp il-konvenut kien sab impieg u kellu paga tajba, izda meta, matul il-medjazzjoni sar jaf li hu kellu jhallas manteniment lill-attrici, huwa waqaf mix-xoghol immedjatament biex ma jhallas manteniment.  L-attrici tghid li hi kienet dejjem nieqsa mill-flus ghaliex kien jaghtiha ftit.  Illum hi tghix bl-ghajnuna socjali.

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car li l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici kien wiehed abbuziv, u jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 ta' l-imsemmi Kapitlu, stante li tali komportament, ripetut u abitwali, kien irrenda l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-attrici, u kien irrenda l-hajja konjugali mpossibbli.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**
Illi l-kwadru premess ma jhalli ebda dubju li l-interessi tat-tfal minuri jiddettaw li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommhom l-attrici.

Ghalhekk din il-Qorti tordna li l-ulied minuri jibqghu fil-kura u kustodja esklussiva ta' l-attrici, b' access favur il-konvenut darba fil-gimgha kull nhar ta' Hadd mid-9.15am sal-5.00pm;  liema access jista' jigi estiz bi ftehim bejn il-partijiet.

**Manteniment**
Illi l-attrici, li ghandha circa 34 sena tghix bl-ghajnuna socjali, stante li ma tahdimx u ghandha l-kura u kustodja ta' tlett-it tfal minuri;  izda l-Qorti tosserva li ma ngabux

provi dwar kemm kien l-introjtu tal-konvenut qabel ma dan telaq volontarjament mill-impieg tieghu.

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qed tafferma d-dritt ta’ l-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut li hu l-persuna hatja tal-firda, mhix ser tikwantifika manteniment ghall-attrici f’ dan il-gudizzju.

Illi pero’ l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tlett ulied minuri jemani mill-obbligu ta’ natura assoluta li kull genitur ghandu li jikkontribwixxi ghall-manteniment u/jew trobbija tal-wild tieghu; u ghalhekk, fil-kaz in dizamina, fin-nuqqas ta’ provi li juru li l-konvenut ghandu mpediment serju li jostakolah milli jahdem u jippercepixxi ntrojtu adegwat, din il-Qorti qed tiffissa, arbitrio boni viri, is-somma ta’ mija u ghoxrin ewro [€120] fix-xahar ghal kull wild minuri; u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici mensilment dan l-ammont, b’ kollox ta’ tlett mija u sittin ewro [€360] kull xahar, liema ammont ghandu jigi dedott mill-paga tieghu fil-kaz li dan ikollu mpjeg, jew mill-beneficji socjali talvolta dovuti lilu.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

*Likwidazzjoni*

Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

[1] l-inkwilinat tal-fond <indirizz>, li kienet id-dar konjugali tal-partijiet;

[2] l-effetti mobbli li jinsabu fl-imsemmi fond;

[3] l-inkwilinat tal-fond <indirizz> li fih l-attrici marret tghix meta telqet mid-dar konjugali, kemm-il darba l-kera tghajjat lill-attrici jew lill-konvenut, stante li, ghalkemm l-attrici tghid li hi tghix f’ dan il-post flimkien ma’ familjari taghha, u li dan il-fond hu bil-kera, ma tispecikax fuq minn qeda l-kera;

[4] id-djun li ghamel il-konvenut kif jirrizulta minn-nota ta’ l-attrici prezentata fis-6 ta’ Dicembru 2010.[1]

*Assenjazzjoni*

Illi l-inkwilinat tal-fond <indirizz> qed jigi assenjat lill-attrici li hi awtorizzata tghix f’ dan il-fond, flimkien mat-tlett ulied tal-partijiet, ad eskluzjoni tal-konvenut;

[1] Fol.36

[2] li l-effetti mobbli f’ dan il-fond jigu divizi b’ mod ugwali bejn iz-zewg partijiet, hlief ghall-kamra tas-sodda tat-tfal, li ghandha tibqa’ ndiviza bejn il-partijiet sakemm l-ahhar wild jaghlaq it-tmientax-il sena;
[3] l-inkwilinat tal-fond <indirizz>, ghandu jdur fuq il-konvenut, kemm-il darba dan jinsab fuq isem l-attrici.
[4] Id-djun maghmula mill-konvenut ghandhom jigu sopportati minnu fl-intier tagghom.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa’ it-tieni talba, kif fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;
[3] tilqa’ it-tielet talba limitatament ghall-manteniment ghall-ulied minuri kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’; filwaqt li tafferma d-dritt ta’ l-attrici li tezigi manteniment ghaliha fil-kaz li din tisfa’ bla mezzi adegwati;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba;
[5] tilqa’ il-hames talba, u filwaqt li xxolji l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li ma tressqux provi fir-rigward;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------